# Malti ieħor li Spikka

min-Nutar Dr. Mark A. Sammut LL.D., M.Jur. (Distinction)



Fostna ż-Żebbuġin kien jgħix, ħafna snin ilu, wieħed jismu Francesco Caruana Dingli. Kienu jsibuh bħala s-"Sur Ċikk". Kien spiżjar u jidher li kien maħbub bil-bosta mill-poplu tar-Raħal.

Qarib tas-Sur Ċikk kien Professur tal-Liġi li fl-1847 għamel isem kbir mhux biss f'Malta iżda wkoll fl-Italja. Qiegħed ngħid għall-Professur Ferdinando Caruana Dingli (1797-1870) li f'dik is-sena li semmejna, l-1847, ħareġ traduzzjoni mil-Latin għat-Taljan ta' ktieb importanti ħafna fil-qasam tal-liġi kriminali: il-*Iuris Criminalis Elementa* ta' l-avukat u Professur Taljan Giovanni Carmignani.

Dan Carmignani (1768-1847) kien Professur tal-Liġi Kriminali fl-Università ta' Pisa. Kien konsulent tal-Gvernijiet tal-Portugall, l-Istati Pontifiċi u t-Toskana għal dak li għandu x'jaqsam mal-Liġijiet Kriminali. Carmignani kiseb fama kbira minħabba x-xogħol tiegħu mhux biss fuq il-liġi proprja, imma wkoll fuq il-filosofija tal-liġi kriminali. Huwa bena x-xogħol tiegħu fuq dak tal-ħassieb kbir l-ieħor Cesare Beccaria, u kellu influwenza ta' l-għaġeb fuq il-ħassieba u l-avukati tas-seklu 19 fl-Italja.

L-aktar xogħol magħruf ta' dan il-Professur brillanti kien il-*Iuris Criminalis Elementa*, ktieb irfinut u riċerkat dwar il-liġi kriminali. Il-ktieb, li ħareġ għall-ewwel darba fl-1808 u mbagħad reġa' nħareġ f'edizzjoni ġdida b'aktar tagħrif fl-1831, Carmignani kien kitbu bil-Latin. U ma ried lil ħadd jaqlibhulu għat-Taljan. Il-bijografu ta' Carmignani, ċertu Pardini, jgħid li Carmignani kien tal-fehma li jekk il-ktieb jinqaleb mil-Latin għat-Taljan kien se jitlef il-karattru tiegħu.

B'danakollu, Caruana Dingli fit-3 ta' Novembru ta' l-1843 kiteb ittra lil Carmignani u webblu jagħtih il-permess jaqliblu l-ktieb mil-Latin għat-Taljan. Fit-22 ta' l-istess xahar, il-Professur Taljan kiteb lill-Professur Malti u qallu hekk: "Kienu bosta minn dawn l-inħawi fit-Toskana li offrewli li jaqilbuli l-*Elementi*, imma ħadd minnhom ma rebaħ il-fiduċja tiegħi. L-ittra tiegħek, li fiha jidher id-dehen ta' min kitibha, ġagħlitni nħares lejn il-proġett tiegħek bħala wieħed mill-isbaħ waqtiet tal-ħajja fqira ta' l-istudju tiegħi." Fl-14 ta' Mejju ta' l-1846 reġa' kkonfermalu l-permess tiegħu u l-istess b'ittra oħra ta' l-24 ta' Ġunju ta' dik l-istess sena.


ELEMENTI
DEL
DIRITTO CRIMINALE
DELL' AVVOCATO
GIOVANNI CARMIGNANI
PRIMA VERSIONE ITALIANA
PEL
Prof. Caruana Dingli
TOMO PRIMO.
MALTA,
1847.

Minn din il-korrispondenza bejn il-Professur Taljan u l-Professur Malti twieldet il-verżjoni Taljana tal-ktieb magħruf ta' Carmignani, *Elementi del Diritto Criminale*. Il-ktieb intebagħ fit-Tipografia Anglo-Maltese, u ħareġ f'żewġ volumi,

wieħed fl-1847 u l-ieħor fl-1848. Il-ktieb intebagħ aktar tard f'Milan, l-Italja, fil-*Biblioteca scelta del fóro criminale italiano*, minn Sanvito.

* * * * *

Fost l-istudenti ta' Carmignani kien hemm wieħed li sar l-aktar ħassieb magħruf tas-seklu 19 fil-qasam tal-Liġi Kriminali: Francesco Carrara (1805-1888). Il-President Emeritu ta' Malta Guido De Marco jħobb isemmi lil Carrara fil-korsijiet li jagħti l-Università fil-Liġi Kriminali, u kulmin iggradwa fil-liġi kulmeta jisma' l-isem ta' Carrara bilfors jiftakar fil-lezzjonijiet tal-Professur De Marco u li għal De Marco Carrara huwa awtorità importanti, il-fanal li jdawwallu triqtu, biex ingħid hekk. Dan Carrara ma kienx jaħmel wisq it-traduzzjonijiet mil-Latin għat-Taljan, iżda fil-każ ta' Caruana Dingli għamel eċċezzjoni.

Insiru nafu biha minn ktieb li nħareġ fl-1897, jismu *Sommario della Storia della Legislazione in Malta*, ta' Paolo De Bono (mitbugħ fit-Tipografia del Malta, il-Belt). F'paġna 317 ta' dan il-ktieb, insibu kumment qasir li fih De Bono jgħid li Carrara, li s-soltu ma kienx iniżżel it-traduzzjonijiet mil-Latin, faħħar bil-bosta x-xogħol ta' Caruana Dingli. Ma sablux għajr difett wieħed biss, fil-§ 86, li aktar kien minħabba l-ambigwità tat-test Latin milli minħabba n-nuqqas ta' ħila tat-traduttur.

Miċ-ċkejkna Malta ħarġu nies ta' talenti tassew kbar.

**Nota:** Nixtieq nirringrazzja lil Dr. Ray Mangion LL.D., D.Phil. (Oxon) għall-preċiżazzjonijiet li tani dwar il-Prof. Caruana Dingli. Dr. Mangion, fil-fehma tiegħi enċiklopedija ambulanti, huwa miżżewweġ lil waħda mill-aktar soprani bravi ta' Malta, Joan née Cassar, li hija Żebbuġija.